Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,963, 30 ta' Ġunju, 2000
Taqsima B

A.L. 116 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - ippubblikati bħala Avviż Legali 21 ta' l-1995 li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-18 ta' Mejju 2000.

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) L-Eżamijiet Finali għandhom isiru fit-tmiem tat-Tieni Parti tal-Kors, normalment f'Ġunju, u għandhom ikunu magħmula minn karta waħda f'kull suġġett fil-qasam ta' studju tal-Liġi mgħallma matul it-Tieni Parti tal-Kors u żewġ karti fit-tieni qasam ta' studju, sakemm li, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għal xi karta, kull meta jidhirlu li jkun xieraq, jista' jeħtieġ li xi kandidat jew kandidati joqogħdu għal eżami *viva voce* ukoll.

(3) Kandidat li jeħel f'suġġett wieħed jew aktar għandu jitħalla jagħmel riparatorju f'Settembru fis-suġġett jew suġġetti li jkun weħel fihom."

4. Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu (4) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"(5) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu joħroġ avviż li jsejjaħ lill-istudenti għall-eżami *viva voce* mill-anqas tliet ijiem qabel l-eżami *viva voce*."